# QORTI TAL-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMHALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 12 ta' Frar 2016**

**Numru 14**

**Rikors Numru 348/06 JA**

**Rachel Galea**

**v.**

**Emanuel Galea**

**Preliminari**

1. Dawn huma appell principali maghmul mill-konvenut u appell incidentali maghmul mill-attrici minn sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-24 ta' Novembru 2014 li permezz taghha dik il-Qorti iddecidiet billi: ippronunzjat is-separazzjoni personali b'tort ugwali taz-zewg partijiet; irregolat il-materja tal-kura u kustodja taz-zewgt itfal

minuri u l-access relattiv; ordnat lill-konvenut ihallas lill-attrici manteniment ghat-tfal minuri fl-ammont ta' €45 fil-gimgha ghal kull tifel, filwaqt li cahdet it-talba tal-attrici ghall-hlas ta' manteniment ghaliha billi applikat fil-kontront taghha l-Artikolu 48 tal-Kodici Civili; ordnat ix-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti u llikwidat l-assi u assenjathom lill-partjiiet bil-mod kif ser jigi spjegat aktar 'il quddiem f'din is-sentenza; applikat is-sanzjonijiet kontemplati fl-artikolu precitat fil-konfront tal-konvenut ukoll; ordnat li l-ispejjez gudizzjarji jithallsu miz-zewg partijiet f'ishma ndaqs.

**Il-Fatti**

2. Il-fatti relevanti huma dawn. Il-partijiet izzewwgu fit-23 ta' Jannar 1998 u minn dan iz-zwieg ghandhom zewgt itfal li ghadhom minorenni. Jirrizulta li l-partijiet iddecidew li jizzewwgu wara li l-attrici inqabdet tqila.

3. Wara xi zmien is-sitwazzjoni matrimonjali bdiet tirriskontra l-inkwiet sakemm fl-ahhar iddigenerat tali li f'Dicembru 2005 [skont il-konvenut] jew fis-sajf tas-sena 2006[1] [skont l-attrici] l-attrici telqet mid-dar matrimonjali u l-partijiet isseparaw *de facto*. Jirrizulta li z-zewg partijiet jittratjenu relazzjoni adulteruza.

[1] Fol. 250.

4. Matul iz-zwieg il-partijiet akkwistaw id-dar matrimonjali bl-indirizz nurmu 34 Saint Michael Street, Fgura, kif ukoll l-inkwilinat ta' hanut bl-isem ta' Celine f'Luqa Briffa Street, Luqa li wara li gie arredat minnhom u stokkjat bl-affarijiet kien beda jirrendu introjtu tajjeb. Wara s-separazzjoni *de facto*, l-attrici ma baqghetx tmur il-hanut u dan baqa' jitmexxa mill-konvenut wahdu li minn naha tieghu minn April 2005 kien beda jhallas wahdu d-djun relattiv filwaqt li kien beda jzomm l-introjtu kollu ghalih.

5. Infethu wkoll erba' poloz tal-assikurazzjoni li meta nghalqu r-rikavat gie percepit u inzamm mill-attrici.

**L-Appelli**

6. L-appell principali jirrigwardja l-assenjazzjoni lill-attrici tas-somma ta' €9,000 rapprezentanti d-differenza bejn l-ammont ta' €11,000 li l-ewwel Qorti ikkonkludiet li kien dovut minnha lill-konvenut u l-ammont ta' €20,000 komputat mill-ewwel Qorti *arbitrio boni viri* bhala l-valur tal-lokazzjoni tal-hanut.

7. Ghar-ragunijiet spjegati minnu fir-rikors tal-appell tieghu l-konvenut qed jitlob li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tirrevoka dik il-parti fejn l-ewwel Qorti ordnatlu jhallas lill-attrici s-somma

ta' €9,000 u tiddikjara li m'hemm ebda ammont dovut minnu lill-attrici rapprezentanti l-valur tal-kirja tal-hanut, jew alternattivament tnaqqas l-ammont eccessiv stabbilit mill-ewwel Qorti tal-valur tal-kera u tordna li l-attrici thallas lill-konvenut nofs l-ammont rapprezentanti l-pagamenti tal-*house loan* imhallsa minnu wahdu sal-gurnata tal-bejgh tad-dar; bl-ispejjez kollha kontra l-attrici appellata.

8. Minn naha taghha l-attrici ipprezentat ir-risposta taghha fejn, wara li spjegat ir-ragunijiet ghaliex fil-fehma taghha l-appell tal-konvenut ghandu jigi michud, appellat incidentalment mis-sentenza appellata.

9. Hija bbazat l-appell taghha fuq erba' aggravji li jirrigwardjaw: [1] id-decizjoni tal-ewwel Qorti dwar it-tort ghas-separazzjoni personali, [2] il-kreditu parafernali pretiz minnha ta' €22,797.97 [gja` LM9,787.17], [3] l-assenjazzjoni tal-valur tal-polza tal-assikurazzjoni intestata f'ishma u li hi kienet ghamlet bil-flus parafernali taghha u [4] l-awment fir-rata tal-manteniment stabbilita mill-ewwel Qorti, taz-zieda annwali skont l-indici tal-gholi tal-hajja.

10. Ghar-ragunijiet premessi l-attrici qed titlob li s-sentenza appellata tigi riformata fit-termini tal-aggravji taghha, fosthom l-aggravju bazat fuq il-pretensjoni taghha li l-konvenut ghandu jigi ordnat li jhallas lill-attrici s-somma ta' €20,000 u l-aggravju bazat fuq il-pretensjoni taghha ghall-

kreditu parafernali fl-ammont ta' €22,797.97, filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata ghall-bqija; bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenut.

**<u>L-Appell Principali</u>**

11. Dan jirreferi ghal dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-ewwel Qorti fil-komputazzjoni taghha dwar il-likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti waslet ghall-konkluzjoni li l-konvenut ghandu jaghti lill-attrici s-somma ta' €9,000 bhala ekwiparazzjoni bejn dak dovut mill-attrici wara l-inkass da parti taghha tal-poloz tal-assikurazzjoni u dak dovut mill-konvenut, rapprezentanti l-valur tal-kirja tal-hanut li giet assenjata lilu. Dik il-Qorti wasslet ghall-konkluzjoni taghha wara li ghamlet l-ezercizju li ser jigi spjegat aktar 'il quddiem.

**<u>L-aggravju</u>**

12. Dan l-aggravju jikkoncerna l-poloz tal-assikurazzjoni u l-valur tal-kirja tal-hanut.

Matul iz-zwieg il-partijiet fethu erba' poloz tal-assikurazzjoni, li tnejn minnhom kienu fuq it-tfal minuri, filwaqt li t-tnejn l-ohra kienu fuq l-attrici. It-tnejn fuq it-tfal huma:

13. [a] Il-polza tal-assikurazzjoni li kellha lit-tifla bhala beneficjarja infethet f'Gunju 2000 u inghalqet f'Mejju 2007. Ir-rikavat li kien ta' €4,695.20 gie inkassat mill-attrici; u

14. [b] Il-polza tal-assikurazzjoni li kellha bhala beneficjarju lit-tifel Neil, infethet f'Settembru 2003 u inghalqet f'Mejju 2007. Ir-rikavat li kien ta' €8,144.98 gie inkassat mill-attrici.

15. Iz-zewg poloz fuq l-attrici huma:

16. [c] Il-polza tal-assikurazzjoni 120002051[2] li nfethet f'Gunju 2000 u inghalqet f'Gunju 2005. Ir-rikavat li kien ta' €4,183.07 gie inkassat mill-attrici; u

17. [d] Il-polza tal-assikurazzjoni numru 120002074[3] li infethet f'Settembru 2003 u inghalqet f'April 2005. Ir-rikavat li kien ta' €19,153.86 gie inkassat mill-attrici.

18. Rigward il-poloz fil-partiti [a] u [b], jinghad li, ghalkemm il-perit legali jghid li ma rrizultax mill-provi li l-attrici iddepozitat f'kontijiet bankarji r-rikavat minn dawn il-poloz, l-ewwel Qorti fil-konsiderazzjonijiet

[2] Vol. 2 – Fol. 727.
[3] Vol. 2 – Fol. 722.

taghha osservat li "gie pruvat li r-rikavat gie depozitat f'isem it-tfal". Ghalhekk fil-komputazzjoni taghha l-ewwel Qorti[4] ikkonsidrat biss l-inkass mill-attrici tal-ahhar zewg poloz u qieset ir-rikavat bhala formanti parti mill-assi tal-komunjoni bir-rizultat li nofs din il-parti tal-assi inghatat mill-ewwel Qorti valur ta' "circa" €11,000[5] liema somma kienet allura dovuta lill-konvenut.

19. Rigward il-valur tal-kirja tal-hanut, inkluz allura l-avvjament, l-ghamara u appliances, l-ewwel Qorti ossevat li l-provi fir-rigward huma skarsi jekk mhux addirittura mankanti u ghalhekk bhala kejl strahet fuq il-fatt li fis-sena 2007 il-qligh nett tal-hanut kien ta' circa €7,000. Tkompli tosserva li *"ghalkemm jirrizulta li l-gestjoni tal-hanut ma baqghetx kif kienet minhabba l-firda tal-partijiet, il-Qorti jidrilha li arbitrio boni viri ghandha tillikwida dan l-ammont ghas-somma ta' €20,000"* li meta minnha naqset is-somma ta' €11,000 fuq indikata waslet ghas-somma ta' €9,000 bhala ekwiparazzjoni dovuta mill-konvenut lill-attrici.

20. Il-konvenut jressaq erba' ilmenti fir-rigward.

21. [1] Li fil-komputazzjoni tas-somma ta' €20,000 l-ewwel Qorti ma haditx in konsiderazzjoni l-fatt allegat minnu li fis-sena 2009 l-hanut kien ghalaq u ghalhekk m'hemm ebda hanut x'jigi assenjat lilu. Ghalhekk

---

[4] U anki l-perit legali.
[5] €4,183.87 + €19,153.86 = €23,337.73 ÷ 2 = €11,669.

dak li kellha tillikwida l-ewwel Qorti kien il-qligh nett tal-hanut "f'dawk it-tlett snin bejn 2007 u 2009". Jissenjala dak li qalet l-ewwel Qorti u cioe` li l-prova tal-qligh mill-hanut kien jinkombi fuq l-attrici u mhux fuq il-konvenut, liema prova tirrizulta mankanti kif osservat l-istess Qorti.

22. [2] Li l-imsemmi ammont stabbilit mill-Qorti huwa wiehed eccessiv u ma jirriflettix ir-realta` tas-sitwazzjoni bil-ftuh ta' zewg supermarkets fl-inhawi, liema fatt nizzel il-valur fis-suq tal-inkwilinat tal-hanut peress li kien sar difficli hafna biex tikri grocer zghir. Skont il-konvenut il-Qorti dan ma qisitux u, minflok, strahet fuq il-qligh li kien ghamel il-hanut bejn is-snin 2000 u 2007 [it-tnejn inkluzi]. Inoltre, *dato non concesso* li jigi deciz li l-attrici ghandha tiehu nofs il-qligh maghmul mill-konvenut fis-snin 2007 sa 2009, xorta wahda l-Qorti ghandha tiehu konsiderazzjoni tal-fatt allegat mill-konvenut li meta fethu z-zewg supermarkets fil-qrib ix-xoghol fil-hanut tant naqas li l-konvenut kien spicca jiftah il-hanut sas-2.00pm sabiex wara jmur jahdem bit-taxi bhala *part-time job*. Jghid li meta hu kien ihallas l-ispejjez tal-loans u l-manteniment tat-tfal kien jibqaghlu f'idejh €479.85 fix-xahar.

23. Jghid li ghalhekk l-ewwel Qorti "qatt ma kellha tiddeciedi *arbitrio boni viri* meta kellha certu ammont ta' provi li jindikaw x'kienu l-profitti f'dawk is-snin".

24. [3] Rigward id-djun gravanti l-komunjoni tal-akkwisti li hu kien qed ihallas wahdu l-ewwel Qorti naqset milli tiehu in konsiderazzjoni l-fatt li "bejn l-eghluq tal-provi sad-data tas-sentenza kienu diga` ghaddew aktar minn sentejn u ghalhekk huwa kien hallas ammont akbar minn dak specifikat fin-nota tieghu u ghalhekk l-ammont dovut mill-attrici f'dan ir-rigward kellu jkun akbar.

25. Jispjega li hu kien hallas wahdu s-somma ta' €29,120.03 f'dan ir-rigward, medja ta' circa €4,853.34 fis-sena. Ghalhekk mas-somma ta' €29,120.03 kellha tizdied l-imsemmija somma ta' €4,853.03 rapprezentanti sehem l-attrici mill-pagamenti maghmula minnu fis-sentejn fuq indikati, b'kollox €33,973.37[6].

26. L-attrici tirribatti dan l-aggravju bis-segwenti sottomissjonijiet.

27. [a] Li hu pacifiku li wara s-separazzjoni *de facto* l-konvenut kien beda jamministra wahdu l-hanut u jzomm il-qligh kollu ghalih. Issostni li "tul il-konvivenza matrimonjali l-hanut kien wiehed li jirrendi sew u kuntrarjament ghal dak li hu allegat mill-konvenut fil-korp tal-appell tieghu, il-hanut kien infetah qabel ma zewg stabbilimenti [supermarkets] ohra fethu fil-vicinanzi tieghu. Minkejja li kien hemm dawn iz-zewg stabbilimenti n-negozju kien jirrendi sew. Hija tissenjala li meta huma

[6] €29,120.03 + €4,853.34.

fethu l-hanut, wara li kienu ghamlu benefikati fih, in-negozju kien sejjer tajjeb tant li kien ikollhom turnover ta' LM3,000 fil-gimgha[7].

28. Tirreferi wkoll ghal dak li qal il-konvenut fl-affidavit tieghu li biex akkwistaw il-kirja tal-hanut kienu hallsu rigal ta' LM6,000 u kellhom kera ta' LM3.50 kuljum. Kienu wkoll xtraw fridges u appliances ohra bi spiza ta' circa LM2,000 [illum €4,653.75][8].

29. Tghid li fl-affidavit tieghu l-konvenut qal li "ghal dan konna hadna loan u Rachel kienet ghamlet tajjeb ghal dan l-ammont mal-bank bil-flus li kellha qabel izzewwigna. Dan l-ammont kont hallastu kollu mill-flus tal-hanut u Rachel hadet il-flus taghha lura fis-sena 2000 u bdiet tinvestihom mal-HSBC Life Assurance Fund… … …"[9].

30. Issostni li l-ammont ta' €20,000 fissat mill-ewwel Qorti huwa wiehed "konservattiv" tenut kont li l-valur tal-lokazzjoni ma jinkludix il-valur tal-avvjament, tal-istock tal-hanut, appliances u hlasijiet ohra li saru fil-hanut fiz-zwieg u li ghalhekk ghandhom jitqiesu bhala assi tal-komunjoni. Tissenjala li bl-assenjazzjoni tal-hanut lill-konvenut dawn issa ser jibqghu jidgawdew minnu. Tghid li dawn huma atti tal-komunjoni u kellhom jittiehdu in konsiderazzjoni fil-likwidazzjoni tal-assi, irrispettivament mill-fatt jekk il-konvenut kienx baqa' jiftah il-hanut jew le.

[7] Vol. 1 – Fol. 55.
[8] Vol. 1 – Fol. 108.
[9] Vol. 1 – Fol. 108.

31. Tilmenta mill-fatt li meta hija giet ordnata mill-ewwel Qorti thallas is-sehem taghha mill-*overdraft* minkejja li l-konvenut kien qed izomm il-qligh kollu ghalih, wassal ghas-sitwazzjoni li f'April 2005 meta hi kienet waqfet tmur il-hanut, kienet ser tigi imgielha tippartecipa fil-passiv tal-hanut filwaqt li ma kellha ebda sehem fl-attiv tieghu peress li l-konvenut kien qed izomm l-introjtu kollu hu.

32. Dwar il-fatt allegat mill-konvenut li n-negozju tal-hanut kien beda sejjer lura minhabba l-ftuh tas-*supermarkets* fil-qrib, l-attrici tissenjala li din l-allegazzjoni hi imdaghjfa bil-fatt li, ghalkemm il-konvenut kien baqa' jattendi l-hanut filghodu biss u wara kien imur jahdem bit-taxi, huwa xorta kellu mieghu impjegata li kienet tghinu fil-hanut. Dan il-fatt zgur li jimmina l-veracita` tal-allegazzjoni tal-konvenut.

**<u>L-Appell Incidentali</u>**

*L-ewwel aggravju*

33. Dan jirrigwardja t-tort ghas-separazzjoni u l-kap tal-ispejjez. L-attrici ssostni li z-zwieg tkisser minhabba l-adulterju kommess mill-konvenut qabel ma bdew il-proceduri ta' separazzjoni. Tghid li din kienet "ir-raguni principali tas-separazzjoni".

34. In sostenn ta' dan l-attrici pproduciet lil Grace Gatt, xhud indipendenti, li kkonfermat li fis-sena 2005 il-konvenut kien diga` f'relazzjoni ma' mara ohra identifikata b'isimha.[10] Anke Angela Galea, omm l-attrici, ikkonfermat fl-affidavit[11] taghha li l-konvenut kien ilu f'dik ir-relazzjoni mill-anqas sena qabel ma saret taf l-attrici.

35. Ghalhekk l-attrici tghid li l-htija tas-separazzjoni ghandha tigi attribwita unikament lill-konvenut, jew tal-anqas jigi dikjarat li l-htija tal-konvenut hija akbar u dan ghandu jigi rifless fil-kap tal-ispejjez.

*It-tieni aggravju*

36. Dan hu fis-sens li l-ewwel Qorti ghamlet evalwazzjoni zbaljata tal-fatti meta naqset milli tiddikjara li l-attrici ghandha kreditu parafernali ta' LM9,787.17 [illum €22,797.97] liema ammont jirrapprezenta depoziti bankarji li mid-dokumenti esebiti jirrizulta li kienu taghha qabel iz-zwieg. L-imsemmi ammont jikkonsisti fis-somma ta' LM1,301.50[12] u fis-somma ta' LM8,485.67[13]. Tispjega li dawn il-flus sussegwentement kienu gew zbankati u kienu intuzaw sabiex saret Single Premium Life Assurance Policy[14] mal-bank HSBC f'isem l-attrici. L-attrici tissenjala li dan il-fatt

[10] Vol. 1 – Foll. 70 – 75.
[11] Vol. 1 – Fol. 68.
[12] Vol. 2 – Fol. 610 – Bilanc fil-kont bankarju [savings] mal-HSBC fl-10 ta' Jannar 1998.
[13] Vol. 2 - Fol. 520 – Bilanc fil-kont bankarju [Fiss] mal-HSBC.
[14] Vol. 2 – Fol. 518.

huwa ammess mill-konvenut stess meta fl-affidavit tieghu rrikonoxxa li l-flus parafernali taghha kienu servew bhala garanzija ghas-self bankarju li kienu hadu l-partijiet, liema flus kienu eventwalment gew ritornati lura lilha[15].

37. Ghaldaqstant l-attrici titlob li jigi dikjarat li hi ghandha kreditu parafernali fl-ammont ta' LM9,787.17 [illum €22,797.97].

*It-tielet aggravju*

38. Dan huwa dirett lejn dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-ewwel Qorti assenjat lill-konvenut nofs il-valur tal-polza tal-assikurazzjoni li kienet intestata f'isimha, liema polza kienet tikkonsisti fi flus parafernali taghha.

39. L-attrici tghid li l-unika polza li kellha ghajr dawk tat-tfal kienet dik li infethet bil-flus parafernali taghha u ghalhekk ma ghandha ghalfejn tirrifondi lill-konvenut ebda ammont minn din il-polza.

40. Barra minn hekk kif spjegat minnha fl-affidavit[16] taghha l-attrici zbankat dawn il-flus ammontanti ghal circa LM10,000 flus parafernali

---

[15] Vol. 1 – Fol. 107.
[16] Vol. 1 – Fol. 55.

taghha sabiex thallas ghal xoghlijiet li kienu saru fid-dar matrimonjali ghall-beneficju tal-komunjoni.

41. Ghalhekk l-attrici qed titlob li l-Qorti tiddikjara li ebda flus ma huma dovuti lill-konvenut fuq din il-polza ta' assigurazzjoni li kienet giet minn flus parafernali taghha u ghalhekk ma ghandha taghti xejn lill-konvenut u m'ghandu jigi assenjat xejn lill-konvenut.

*Ir-raba' aggravju*

42. Dan huwa dirett lejn dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-konvenut gie ordnat li jhallas lill-attrici l-ammont ta' €90 fil-gimgha ghal kull wild, izda naqset milli tipprovdi ghal zidied skont l-indici tal-gholi tal-hajja.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

*L-aggravju tal-appell principali u t-tieni u t-tielet aggravji tal-appell incidentali*

43. L-ewwel parti tal-aggravju principali jirrigwardja s-somma ta' €9,000 li skont is-sentenza appellata hija dovuta mill-konvenut lill-attrici u li tirrapprezenta d-differenza bejn is-somma ta' €20,000 [valur tal-kirja tal-hanut] u s-somma ta' €11,000 [sehem il-konvenut mill-inkass tal-poloz da parti tal-attrici].

44. It-tieni aggravju tal-appell incidentali jirrigwardja l-pretensjoni tal-attrici ta' kreditu parafernali fl-ammont ta' LM9,787.19 [illum €22,804.15] konsistenti fl-ammonti ta' LM1,301.50 [illum €3,032.49] u LM8,485 [illum €19,770.05].

45. Il-parti relevanti tas-sentenza appellata taqra hekk:

> "**Beni mmobbli:**
>
> "Illi l-partijiet huma proprjetarji tal-fond matrimonjali 43, St Michael Street, il-Fgura. Ma ġiex preżentat il-kuntratt tal-akkwist. L-attriċi ppreżentat stima tas-soċjeta' ta' real estate; din il-Qorti se taħtar perit ieħor biex jagħmel stima *stante* li l-partijiet ma qablux fuq dan. Huwa evidenti li din trid tinbiegħ biex kull parti tieħu sehemha.
>
> "Illi l-problemi huma derivanti mill-fatt li matul il-kors tal-kawża l-konvenut baqa' jhallas hu l-ħlasijiet lura lill-Bank. Mill-banda l-oħra huwa baqa' jżomm għalih il-qliegħ kollu li kien dieħel mill-ħanut li ġie mikri lill-partijiet ftit wara ż-żwieġ fiz-Żejtun. Ħallas lura ukoll parti mill-*overdraft* neċessarju għat-tħaddim tal-istess ħanut. Dan ġara għaliex l-attriċi telqet mid-dar matrimonjali għar-raġunijiet tagħha u fil-waqt li l-konvenut ħa ħsieb iħallas id-djun, żamm ukoll għalih il-qliegħ imsemmi għaliex l-attrici ma ħaditx aktar interess fil-ħanut. Il-konvenut għandu ukoll *taxi* li pero' dwar qliegħ minnha inspjegabilment ma tressqux provi lanqas fir-rigward tal-valur tal-liċenzja tagħha. Kwindi l-Qorti ma tistax tieħu konjizzjoni ta' dan ir-rigward.
>
> "Illi l-konvenut jirriżulta li ħallas disgħa u għoxrin elf mija u għoxrin Ewro (€29,120) minn April 2005 fir-rigward ta' *repayments* għaż-żewġ *home loans,* għal assigurazzjoni relattiva, u interess relattiv għall-*overdraft*. Strettament, allura, għandu kreditu ta' nofs dak l-ammont fir-rigward tal-komunjoni tal-akkwisti.
>
> "Id-diffikolta' li għandha l-Qorti hija li ma saret ebda prova dwar il-qliegħ li sar mill-ħanut wara l-2007 u dan mhux biss biex jiġi komputat l-ammont allura dovut lill-attriċi – u hawn ma hemmx diffikolta' legali għaliex ladarba l-attrici ma ressqitx provi fir rigward il-Qorti ma tistax takkordalha xejn hlief għal dak li se

jingħad aktar 'il quddiem u għal dan taħti hija stess (**"*Onus probandi incumbit qui dicit non ei qui negat'*** kif jgħid ċar u tond l-artiklu 562 tal-Kodiċi tal-Proċedura), iżda anke biex l-istess Qorti tillikwida somma bħala ekwiparazzjoni biex tassenja l-kirja lill-konvenut għaliex indubbjament dan huwa l-aktar konvenjenti għall-partijiet.

"Illi kif ġja' ngħad pero' saret prova tal-qliegħ bejn l-2005 u l-2007 u dan kien ta' ċirka wieħed u tlettin elf Ewro (€31,000) kwindi l-attriċi hija ntitolata għas-somma ta' ħmistax-il elf u ħames mitt Ewro (€15,500) għaliex il-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet kienet għaddeja kif għadha sal-lum. Kwindi filwaqt li l-konvenut għandu kreditu ta' erbatax-il elf ħames mija u sittin Ewro (€14,560) kif ġja' ssemma, l-attriċi għandha kreditu ta' ħmistax-il elf u ħames mitt Ewro (€15,500) u allura jibqalgħa kreditu nett ta' disa' mija u erbgħin Ewro (€940).

"Illi naturalment biex tinbiegħ il-proprjeta trid titneħħa l-ipoteka li l-Bank għandu fuqha u allura l-ewwel ma jitħallas mill-bejgħ għandu jkun l-istess Bank.

"Illi kwantu għall-allegati krediti ta' terzi oħrajn pero', kif qalet din il-Qorti fil-kawża fl-ismijiet **"Chetcuti vs Chetcuti"** (deċiża fil-11 ta' Lulju 2014):

> "*"Dawn ma humix parti fil-kawża … Lanqas ma l-Qorti hija se tidħol fi krediti jew dejn mal-istess ġenituri … – dawn huma tal-komunjoni* (jistgħu ma jkunux – żieda ta' din il-Qorti) *u jidħlu biss 'in ballo' jekk ikun hemm xi proċeduri ġudizzjari fir-rigward għaliex kif issemma l-ġenituri tal-konvenut ma humix parti fil-kawża."*

"Illi dan japplika naturalment għal terzi oħra li l-parti li dwarhom hemm allegazzjonijiet ta' kreditu kontra l-partijiet.

"Illi dwar allegazzjonijiet oħra tal-partijiet li ħarġu xi flejjes għad-dar u għal xogħlijiet ġo fiha, il-Qorti tikkondividi l-opinjoni tal-perit ġudizzjarju li ma tressqux provi konvinċenti fir-rigward.

"Illi l-attriċi nkassat pero' ċirka sitta u tletin elf Ewro (€36,000) f'poloz ta' assikurazjoni (tnejn f'isem it-tfal u ġie pruvat li rikavat ġie depożitat f'isem l-istess tfal). Madankollu kif ġustament irrileva l-perit legali l-konvenut strettament għandu dritt ta' rifużjoni ta ċirka ħdax-il Ewro (€11,000) mill-poloz l-oħra. Il-Qorti bil-għan li tnaqqas il-kwistjonijet bejn il-partijet se tekwipara dan l-ammont mal-lokazzjoni tal-ħanut li se tiġi assenjata lill-konvenut. Il-Qorti hija konvinta li dan l-ammont huwa nqas mill-valur reali tal-kirja; f'dan ir-rigward l-unika prova li għandha hija li l-hanut kien irendi qliegħ nett ta' ċirka sebat elef Ewro (€7,000) fis-sena sal-2007. Għalkemm jirriżulta li l-ġestjoni tal-ħanut ma

baqgħetx kif kienet minħabba l-firda tal-partijet, il-Qorti jidhrilha li *arbitrio boni viri* għandha tillikwida dan l-ammont għas-somma ta' għoxrin elf Ewro (€20,000) u allura l-attriċi jibqalgħa tieħu s-somma ta' disat elef Ewro (€9,000) bħala ekwiparazzjoni.

"**Beni mobbli:**

"Illi l-partijiet għandhom xi kontijiet bankarji, u poloz ta' assikurazzjoni li għandhom jibqgħu f'isem min huma intestati billi saru wara l-firda effettiva jew qabel iż-żwieġ.

"Illi l-beni l-oħra mobbli li kien hemm fid-dar huma problema għaliex anke hawn ma saret ebda prova u ebda stima. Kwindi l-Qorti mhux se tipprovdi fir-rigward. Ma hemmx provi sufficjenti lanqas fir-rigward ta' oġġetti parafernali."

*Poloz tal-Assikurazzjoni*

46. Din il-Qorti wara li ezaminat l-atti tissenjala s-segwenti. Mill-provi jirrizulta li qabel iz-zwieg l-attrici kellha depozitu bankarju li sad-19 ta' Awwissu 1997 kellu bilanc ta' LM8,200[17]. Jirrizulta li fil-kors taz-zwieg u precizament fit-13 ta' Settembru 2003 hija fethet fuq isimha polza tal-assikurazzjoni [nru 120 – 002074][18] tat-tip Single Premium Life Assurance Policy li turi li nfethet bl-ammont ta' LM8,290[19]. Ghalhekk din il-parti tal-aggravju hjaa fondata peress li l-attrici ipprovat li dan l-ahhar ammont kien proprjeta` parafernali taghha li hija impjegat sabiex tkabbar l-assi tal-komunjoni tal-akkwisti.

[17] Vol. 2 – Fol. 657.
[18] Vol. 2 – Fol. 722.
[19] Vol. 2 – Fol. 520. Il-Qorti tosserva li d-differenza ta' LM90 probabbilment hija dovuta ghall-fatt li l-bilanc skont l-istatement tal-bank ghas-sena 1997 kien jasal sa Awwissu u ma kienx juri l-bilanc sat-23 ta' Jannar 1998, id-data taz-zwieg.

47. Jirrizulta wkoll li l-attrici kellha kont bankarju li qabel iz-zwieg kien juri ammont bilancjali ta' LM1,301.50. Ghalkemm il-perit legali sostna li ma hemm ebda prova li dawn kienu gew impjegati fl-interess tal-komunjoni, l-ewwel Qorti korrettament qieset dan il-bilanc bhala kreditu parfernali tal-attrici li fil-fatt kien intuza fl-interess tal-komunjoni b'hekk waslet ghall-konkluzjoni li l-konvenut ghandu jaghti lill-attrici l-ammont ta' circa €11,000[20]. Din il-Qorti tikkondividi d-decizjoni li l-imsemmi ammont ta' LM1,301.50 kellu jitqies bhala kreditu parafernali tal-attrici u dan in bazi ghall-fatt li barra l-polza fuq indikata mill-provi jirrizulta li l-attrici kienet fethet polza ohra bin-numru 120 – 002051][21].

48. Ghaldaqstant dan l-aggravju huwa fondat limitatament ghall-ammonti ta' LM1,301.50 (€3,032.49) u LM8,290 (€19,315.7) kif fuq spjegat, u qed jigi milqugh billi jigi dikjarat li l-attrici ghandha kreditu prafernali kontra l-komunjoni tal-akkwisti fis-somma ta' LM9,591.50 [illum €22,348.19]. Dan ghandu l-konsegwenza li, filwaqt li huwa minnu li l-attrici inkassat ir-rikavat ta' €23,236.9 ghar-rigward taz-zewg poloz ta' assikurazzjoni, minn dan l-ammont ghandu jitnaqqas l-ammont ta' LM9,591.50 [illum €22,348.19] rapprezentanti kreditu parafernali taghha, b'hekk dak dovut minnha lill-konvenut m'huwiex l-ammont ta' €11,000 kif indikat mill-ewwel Qorti izda l-ammont ta'<u>€493.97</u>[22]

[20] €4,183.07 + 19,153.86 = €23,339.93 ÷ 2 =€11,668.46.
[21] Vol. 2 – Fol. 727.
[22] €23,336.14 - €3,032.49 - €19,315.70 = 987.95 ÷ 2 = €493.97.

rapprezentanti nofs id-differenza bejn ir-rikavat percepit minnha u l-kreditu parafernali taghha.

*Il-Hanut*

49. L-ilment tal-konvenut li jirrigwardja dan l-aspett tal-kawza huwa dirett lejn dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-ewwel Qorti iffissat *arbitrio boni viri* il-valur tal-kirja tal-hanut fl-ammont ta' €20,000 bazat fuq il-qligh maghmul mill-hanut fis-snin 2005 sa 2007. Huwa jsostni li l-ewwel Qorti ma haditx kont tal-fatt li, bil-ftuh ta' zewg supermarkets fil-vicinanzi tal-hanut l-introjtu naqas hafna, kif ukoll ma haditx kont tal-fatt li l-hanut kien inghalaq fis-sena 2009 u ghalhekk, il-qligh dovut lill-attrici f'dan ir-rigward kien nofs l-introjtu mill-hanut sal-ahhar tas-sena 2009.

50. Din il-Qorti tibda bl-osservazzjoni legali li min jallega fatt ghandu l-oneru tal-prova ta' dak il-fatt u allura ladarba l-konvenut qed isostni li hu kien ghalaq il-hanut fis-sena 2009 u ladarba jirrizulta li meta telqet l-attrici l-hanut kien ghadu miftuh u kien baqa' jigi gestit mill-konvenut allura l-oneru tal-prova li l-hanut inghalaq hija fuq il-konvenut. Ma' dan jinghad ukoll li, hekk kif il-konvenut ipprezenta l-introjtu annwali tal-hanut mis-sena 2000 sas-sena 2007 din il-Qorti ma tifhimx ghaliex ma ipprezentax id-dokumenti li juru l-qligh maghmul minnu mill-hanut fis-snin 2008 u 2009. Din il-prova kienet fil-poter tal-konvenut li

jipproduciha u ghalhekk kienet tispetta lilu, izda hu naqas milli jaghmel dan u, minnflok, qed jippretendi, zbaljatament, li l-attrici tressaq il-provi hi dwar il-gestjoni tal-hanut f'dawn is-snin meta l-hanut kien qed jigi gestit esklussivament minnu, bl-ghajnuna ta' terza persuna li kienet tmur tghinu ghal xi jiem fost il-gimgha. Ghalhekk f'dan ir-rigward din il-Qorti ma tistax taqbel mal-osservazzjoni maghmula mill-ewwel Qorti li l-oneru tal-prova tal-qligh kien jaqa' fuq l-attrici.

51. Fin-nuqqas ta' provi l-ewwel Qorti, bil-ghan li taghlaq il-kwistjonijiet bejn il-partijiet dwar l-introjtu mill-hanut ghas-snin 2005 sa 2007 [it-tnejn mghadudin], hadet il-qligh indikat mill-konvenut ghal dawk is-snin u wasslet ghall-figura approssimattiva ta' €31,000 u ghalhekk il-konvenut ghandu jaghti lill-attrici nofs dan l-ammont, jgifieri €15,500.

52. Minn naha taghha l-attrici proprju sabiex tkun ippartecipat kemm fl-attiv kif ukoll fil-passiv dik il-Qorti ordnat li l-attrici thallas lill-konvenut nofs il-pagamenti maghmula minnu lill-bank akkont tal-home loans u tal-ispejjez relattivi, kif ukoll akkont tal-*overdraft* mehud ghall-gestjoni tal-hanut, li skont l-ewwel Qorti minn April 2005 'il quddiem kienu jammontaw ghas-somma ta' €29,120[23] u allura l-attrici hi obbligata li thallas nofs dik is-somma, jfisser €14,560. Minn din l-ahhar somma

[23] Jirrizulta li din is-somma tikkomprendi l-ammont ta' €8,981.74 pagamenti maghmula mill-konvenut bhala interessi relattiv ghall-overdraft facility. Ghalhekk l-attrici ghandha tirrifondi biss nofs l-ammont sal-ahhar tas-sena 2009.

ghandu jitnaqqas l-ammont rapprezentanti nofs il-pagamenti li talvolta saru akkont tal-overdraft wara l-ahhar tas-sena 2009 'il quddiem.

53. Izda din il-Qorti tosserva li fis-sentenza appellata ma ttiehidx kont ukoll tal-qligh li sar wara s-sena 2007 'il quddiem meta allura l-hanut kien baqa' jigi gestit mill-konvenut bl-ghajnuna ta' terza persuna li kienet tahdem part-time. Din il-Qorti, fin-nuqqas ta' provi dwar l-introjtu li kien ghamel il-konvenut mill-gestjoni tal-hanut bejn is-snin 2008 u 2009 u, fin-nuqqas ta' prova li l-introjtu tal-hanut naqas drastikament kagun taz-zewg supermarkets li fethu fil-vicinanzi, liema prova kienet tispetta lill-konvenut, hija tal-fehma li ghas-sentejn fuq indikati tiehu bhala bazi l-introjtu dikjarat minnu ghas-sena 2007 fl-ammont ta' LM3,525 [illum €8,213.25] u ghalhekk l-konvenut ghandu jaghti lill-attrici l-ammont ta' €8,213.25][24].

54. Minn naha taghha l-attrici ghandha tippartecipa fil-passiv billi thallas lill-konvenut nofs il-pagamenti ghal *overdraft* li jirrizultaw li thallsu minnu sal-ahhar tas-sena 2009.

55. Rigward il-qligh sussegwenti ghas-sena 2009 din il-Qorti tosserva li l-provi huma mankanti u, fic-cirkostanzi, tenut kont tas-sitwazzjoni bejn il-partijiet u tad-dejn [overdraft] li kien hemm fuq il-hanut, din il-Qorti hi

[24] €8,213.25 x 2 snin ÷ 2 [sehma l-attrici tal-komunjoni] = €8,213.25.

tal-fehma li ghandha taccetta l-allegazzjoni tal-konvenut li dan baqa' jzomm il-hanut miftuh bil-ghan biss li jhallas d-dejn li kien ghad hemm fuqu.  Izda tkompli tosserva li ma rrizultax mill-provi li l-hanut kien ghalaq ghal kollox, ghalhekk il-konvenut baqa' jgawdi l-avvjament tal-hanut kif ukoll l-uzu tal-appliances u tal-magni li hemm fih u li l-partijiet kienu xtraw matul iz-zwieg.

56. Fid-dawl ta' din il-konsiderazzjoni, din il-Qorti tosserva li, filwaqt li l-attrici ghandha taghti lill-konvenut nofs il-pagamenti maghmula minnu akkont tas-self bankarju fuq id-dar u tal-ispejjez relattivi u dan sad-data tal-pagament kollu jew sakemm tinbiegh id-dar matrimonjali, hija pero` m'ghandhiex wara s-sena 2009 'il quddiem tkompli tippartecipa fil-hlas tal-*overdraft* li hemm fuq il-hanut tenut kont li l-qligh kien qed jinzamm kollu mill-konvenut.

57. Rigward l-ammont ta' €20,000 stabbilit *arbitrio boni viri* mill-ewwel Qorti biex jirrapprezenta l-valur tal-lokazzjoni, din il-Qorti ma thossx li ghandha tiddisturba d-diskrezzjoni tal-ewwel Qorti f'dan ir-rigward.  Dan qed jinghad tenut kont, kemm tal-fatt li prova tal-eghluq tal-hanut ma tressiqtx ghajr ghall-allegazzjoni tal-konvenut, kif ukoll tal-fatt li ma tressqu ebda provi li l-*appliances* u magni li kienu xtraw il-partijiet fiz-zwieg sabiex imexxu l-hanut ma kienux ghadhom hemm jew prova tal-valur taghhom.  Fin-nuqqas tal-prova kuntrarja dawn ghandhom jitqiesu

li ghadhom hemm u li l-hanut hekk attrezzat ghadu fil-pussess tal-konvenut u ghadu jigi gestit minnu. Ghalhekk il-konvenut ghandu jaghti lill-attrici bhala sehemha minn din il-parti tal-komunjoni l-ammont ta' €10,000 rapprezentanti nofs is-somma fuq indikata.

58. Ghalhekk bhala rijassunt tal-premess l-istampa dwar id-djun u l-krediti rispettivi tal-partijiet fil-konfront ta' xulxin hija s-segwenti:

59. L-attrici ghandha taghti lill-konvenut:

[a] l-ammont ta' €493.97 [mir-rikavat tal-poloz],

[b] l-ammont ta' €14,560 [nofs il-pagamenti maghmula mill-konvenut minn April 2005 sa Jannar 2011] li minnu ghandu jitnaqqas l-ammont rapprezentanti nofs il-pagamenti maghmula mill-konvenut akkont tal-*overdraft* mill-ahhar tas-sena 2009 'il quddiem.

[c] nofs il-pagamenti li saru esklussivament minnu minn Jannar 2011 'il quddiem akkont tal-*home loans* u tal-ispejjez relattivi sad-data tal-bejgh tad-dar matrimonjali.

60. Il-konvenut ghandu jaghti lill-attrici:

[a] l-ammont ta' €15,500 [nofs il-qligh mill-hanut ghas-snin 2005 u 2007],

[b] l-ammont ta' €8,213.25 [nofs il-qligh ghas-snin 2008 u 2009], u

[c] l-ammont ta' €10,000 [nofs il-valur tal-lokazzjoni tal-hanut, inkluz il-valur tal-avvjament u tal-magni li hemm go fih].

61. Ghaldaqstant l-aggravju tal-appell principali tal-konvenut u t-tieni u t-tielet aggravji tal-appell incidentali tal-attrici ghandhom jitqiesu fondati fil-limiti tal-konsiderazzjonijiet premessi u ta' dak fuq stabbilit.

*L-ewwel aggravju tal-appell incidentali*

62. Dan hu fis-sens li t-tort ghas-separazzjoni kellu jigi attribwit unikament tort lill-konvenut, jew alternattivament, dan jinghata tort akbar minn dak attribwit lill-attrici.

63. Il-parti relevanti tas-sentenza appellata taqra hekk:

> "Illi l-Qorti, wara li eżaminat sewwa l-atti, jidhrilha għandha taqbel mal-konklużjonijiet raġġunti mil-perit legali li ż-żewġ partijiet it-tnejn ikkommettew adulterju qabel ma nfetħu l-proċeduri. L-attriċi stess ammettiet dan meta xehdet fit-30 ta' Settembru 2008 filwaqt li hemm biżżejjed xhieda okulari li jwasslu għall-konklużjoni inkonfutabbli li anke l-konvenut għandu relazzjoni mal-persuna msemmija fid-depożizzjonijiet varji.
>
> "Illi għalhekk, il-Qorti ma tistax ma tikkonkludix ukoll li l-adulterju mill-partijiet kommess indubbjament kien il-fattur li waqqaf għal kollox il-possibbilta' li l-partijiet setgħu jaslu biex jirrikonċiljaw.
>
> "*Għalkemm indubbjament kien hemm raġunijiet oħra għat-tifrik taż-żwieġ, l-adulterju dejjem kien meqjus bħala l-kawżali l-aktar gravi illi għaliha l-Qorti tawtorizża s-separazzjoni personali*. (**Vol XXXVII-parti ii, paġna 693**).
>
> "Illi minħabba f'hekk il-partijiet spiċċaw jgħixu f'*sistema costante di vessazione e di disprezzo, di oltraggio e di umiliazioni che rendono almeno inopportabile l' abitazione e la vita comune'.* (**"Caterina Agius vs Benedict Agius"** deċiża mill-Prim' Awla fit-13 ta' Ġunju 1967).
>
> "Illi għalhekk hija se taddossa lill- partijet bit-tort indaqs għat-tifrik taż-żwieġ.

> "Illi stabbilit dan ma hemmx lok li l-Qorti tinvestiga r-raġunijiet oħra li jwasslu għas-separazzjoni."

64. Din il-Qorti hi tal-fehma li dan l-aggravju jirrazzenta l-fieragh. Fix-xhieda taghha l-attrici tghid hekk:

> "Jien tlaqt mid-dar fis-sajf tas-sena 2006. Jiena fil-prezent nara lil Joseph Borg u ilni narah ghad dawn l-ahhar tlett snin[25]. Nghid li huwa ghandu dar ghalih u jiena ghandi dar ghalija. Fis-sena 2005 jien iltqajt mieghu waqt BBQ lejn l-ahhar tas-sajf bhal dan iz-zmien. Dan Joseph jorqod madwar darbtejn fil-gimgha ghandi."

65. Apparti minn provi ohra fir-rigward tal-komportament tal-attrici, mill-premess jirrizulta li, meta kienet ghadha tabita fid-dar matrimonjali fis-sena 2005 hi kienet dahlet f'relazzjoni adulteruza ma' ragel iehor. Fid-dawl tal-fatti ammessi mill-attrici stess din il-Qorti ma tarax kif dan l-aggravju jista' jregi.

66. Ghaldaqstant dan l-aggravju qed jitqies bhala infondat u qed jigi michud.

*Ir-raba' aggravju*

67. Dan jirrigwardja l-*quantum* tal-manteniment dovut mill-konvenut lill-attrici ghall-ulied minuri, senjatament li l-ewwel Qorti ma provdietx ghall-awment annwali skont l-indici ufficjali dwar l-gholi tal-hajja.

---

[25] Vol. 2 – Fol. 250. Depozizzjoni tat-30 Settembru 2008.

68. Dan l-aggravju huwa gustifikat tenut kont tal-fatt li z-zieda fl-gholi tal-hajja ghandha tigi riflessa fl-ammont likwidat bhala manteniment, altrimenti jkun ifisser li maz-zmien l-ammont stabbilit ma jkunx jiswa daqs kemm kien meta gie stabbilit inizzjalment u dan ghad-detriment tal-ulied minuri.

69. Ghaldaqstant dan l-aggravju huwa fondat u qed jigi milqugh.

**Decide**

Ghar-ragunijiet premessi, filwaqt li tichad l-ewwel aggravju tal-appell incidentali, tiddeciedi dwar l-appell principali u dwar it-tieni u t-tielet aggravju tal-appell incidentali kif ser jinghad: tirrevoka s-sentenza appellata f'dik il-parti fejn ordnat li l-attrici tippreleva mir-rikavat tal-bejgh tad-dar matrimonjali wara li jithallas il-Bank kreditur l-ammont ta' disa' mija u sittin ewro [€960], tirrevoka dik il-parti fejn ordnat li l-konvenut ihallas lill-attrici s-somma ta' disat elef ewro [€9,000] u, minflok tordna li:

L-attrici taghti lill-konvenut:

[a] l-ammont ta' erba' mija tlieta u disghin ewro u sebgha u disghin centezmu [€493.97] rapprezentanti s-sehem dovut lilu mir-rikavat tal-poloz percepit mill-attrici;

[b] l-ammont ta' erbatax-il elf hames mija u sittin ewro [€14,560] rapprezentanti nofs il-pagamenti maghmula mill-konvenut minn April 2005 sa Jannar 2011 akkont tal-*home loans* u tal-*overdraft*; minn dan l-

ammont ghandu jitnaqqas l-ammont rapprezentanti nofs il-pagamenti maghmula mill-konvenut akkont tal-*overdraft* mill-ahhar tas-sena 2009 'il quddiem.

[c] l-ammont rapprezentanti nofs il-pagamenti li saru esklussivament minnu minn Jannar 2011 'il quddiem akkont tal-*home loans* u tal-ispejjez relattivi sad-data tal-bejgh tad-dar matrimonjali.

<u>Il-konvenut ghandu jaghti lill-attrici</u>:

[a] l-ammont ta' hmistax-il elf u hames mitt ewro [€15,500] rapprezentanti nofs il-qligh mill-hanut ghas-snin 2005 u 2007,

[b] l-ammont ta' tmint elf, mitejn u tlettax-il ewro u hamsa u ghoxrin centezmu [€8,213.25] rapprezentanti nofs il-qligh ghas-snin 2008 u 2009, u

[c] l-ammont ta' ghaxart elef ewro [€10,000] rapprezentanti nofs il-valur tal-lokazzjoni tal-hanut, inkluz il-valur tal-avvjament u tal-magni li hemm go fih.

Tordna wkoll li f'dik il-parti tas-sentenza fejn l-ewwel Qorti iffissat il-manteniment dovut mill-konvenut lill-attrici ghaz-zewg ulied minuri jizdied is-segwenti: "liema ammont jizdied kull sena skont l-indici ufficjali tal-gholi tal-hajja".

L-ispejjez relatati mal-ewwel istanza ghandhom jibqghu kif decizi, filwaqt li dawk relatati mal-appell principali ghandhom jinqassmu ugwalment

bejn il-partijiet u dawk tal-appell incidentali ghandhom jigu sopportati in kwantu ghal terz [$^{1}/_{3}$] mill-attrici u zewg terzi [$^{2}/_{3}$] mill-konvenut.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imhallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imhallef | Noel Cuschieri<br>Imhallef |

Deputat Registratur
df